MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 340/2006

Il-Pulizija
(Spettur D. Theuma)
Vs

Elvis Falzon

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta' Mejju, 2004 f'dawn il-Gzejjer u fid-disa' xhur ta' qabel :
1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta w minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi Awtorita' moghtija mill-

President ta' Malta li jforni d-droga msemmija w minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, w minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, w dan bi skur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' w s-sitt Taqsima tal-istess Ordinanza w meta ma kellux il-licenzja jew xort'ohra awtorizzazzjoni li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) fl-istess lok, hin u cirkostanzi kkommetta l-imsemmija reati kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22 sub inciz 2 (II) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'Ottubru, 2006, li biha, wara li rat ir-raba' w is-sitt Taqsima, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) tal-Kap. 101, ir-regolamenti 4 u 9 tar-regolamenti ta' l-1939 (GN 292/1939), it-tieni proviso li jidher taht dak li jipprovdi l-artikolu 22(2)(b)(I) u (ii), sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni bl-aggravju

msemmi w tat-tieni imputazzjoni minghajr l-aggravju stante li t-tieni imputazzjoni hija ta’ pussess semplici (ghalkemm l-ammont huwa wiehed serju) u mhux ta’ pussess aggravat u kkundannatu, wara li rat ukoll l-Artikoli 17(h), 18 u 31 tal-Kap. 9, ghall-piena karcerarja ta’ hmistax-il xahar u ghal multa ta’ erba’ mitta lira Maltin (LM400) liema multa tista’ tithallas b’rati mensili ta’ LM40 lira fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien gimghatejn. Fin-nuqqas ta’ hlas ta’ xi pagament, il-bilanc ikun dovut f’daqqa w kull LM5 mhux imhallsa jinbidlu f’jum karcerazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :-
1. thassaraha w tirrevokaha fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni bl-aggravju tad-distanza w fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w minn tali imputazzjoni tiddikjarah mhux hati w kwindi tilliberah skond il-ligi;
2. tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti fejn l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, eskludiet l-aggravju tad-distanza;
3. thassaraha fil-parti fejn ikkundannatu ghall-hlas skond l-artikolu 533;
4. minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-senetenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe :-

Li mill-kontroezami tal-ufficjali tal-Pulizija Irrizulta li l-Pulizija ma kienetx certa fuq dak li rat u x-xhieda ma qalux li raw lill-appellant jarmi xi haga jew johrog xi haga mill-qalziet. Li kien hemm indikazzjoni li l-ufficjali tal-Pulizija li xehdu f’ dal-process kienu infurmaw lil xulxin bid-domandi li kienu qed isirulhom. Li l-qratas ma gewx identifikati bhala dawk li allegatamernt rema’ l-appellant. L-Ispizjar Mario Mifsud xehed li ma kien hemm ebda *mechanical fit*

bejn il-karti tal-qratas li kien hemm u l-qratas li kienu esebiti fid-dokument u ghalkemm fil-karta kien hemm certa similarita', din hi *easily obtainable* u ma jfissirx li kienet ta' Elvis. Umbaghad il-piena imposta kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi w hija kontroprodottiva w ma tatix importanza lill-aspett riformattiv u ghalhekk ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiuv u l-aspett riformattiv. Li ghalhekk ghandu jkun hemm *pre-sentencing report* u dan peress li l-appellant hu kandidat ideali ghall-mizuri kontemplati fil-Kap. 446, fisthom xoghol fil-komunita' biex jghin fir-riforma tieghu.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illil-aggravji kollha tal-appellant ghajr dak dwar il-piena jiccentraw interament fuq l-apprezzament tal-provi traskritti li sar mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwl Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs.**

**Raymond Psaila et.**" [12.5.94; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **"R. v. Cooper"** ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed*." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta ……, il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjonijiet li taghhom l-appellant instab hati.

Illi l-provi kontra l-appellant huma prova diretta - anzi direttissima - gejja mill-istqarrija a tempo vergine ta' **Kevin Camilleri**, li sussegwentement giet konfermata bil-gurament quddiem Magistrat u anki konfermata mill-gdid f' din il-kawza kontra l-appellant (ara. Fols. 21 u 22, 43 u 44 u fols. 90 sa 99). F' din l-istqarrija w depozizzjonijiet, dax-xhud hu kategoriku w konsistenti mill-bidu sal-ahhar li fis-26 ta' Mejju, 2004, kien xtara pakkett eroina (smack) minnghand l-appellant u dan ftit tal-hin qabel ma intervjenew il-Pulizija, fil-gnien jew *playing field* ta' hdejn il-kazin tal-bocci tal-Fgura w hemm arrestaw lill-appellant. Hu identifika lill-appellant bhala l-persuna li kien beghlu l-eroina dak in-nhar u sahansitra xehed ukoll li, f' okkazzjoni precedenti, kien ukoll offrielu li jaqdieh jekk ikollu bzonn droga. Din id-depozizzjoni wahedha, jekk emmnuta - u ma hemmx l-icken raguni ghala m' ghandhiex tigi emmnuta - hija bizzejjed biex jirrizultaw iz-zewg akkuzi w l-aggravanti tad-distanza dedotti kontra l-appellant.

Izda din mhux l-unika prova li ngabat mill-Prosekuzzjoni. Mid-depozizzjonijiet ta' **PS 368 Stephen Monreal,** (fols.100 sa 111), **WPC 89 Mariella Spiteri,** (fols.113 sa 122), **u P.C. 451 Aaron Bugeja** (fols.123 sa 132), jirrizulta li proprju qabel ma gie mwaqqaf u arrestat, l-appellant dak in-nhar tas-26 ta' Mejju, 2004, kien gie notat qed jarmi xi haga u li meta l-pulizija fittxew fejn innotawh jaghmel dan, instabet borza tal-plastic go dustbin kontenenti qratas tal-karti li fihom l-Ispizjar Mifsud sab il-prezenza tad-droga eroina. Id-droga li nstabet ghand Kevin Camilleri w fid-dust bin qrib fejn l-appellant gie notat jarmi xi haga kienet karatterizzata minn somiljanza kimika kbira ghax kellha kwantita' ta' paracetamol imhallta maghha u kif ukoll kwantita' ta' kafe'. (Doks. 04BKS02 u 04BKS01). Kienet ukoll ippakkjata go karta simili, ossia karta mehuda mill-faccata ta' diary tal-istess tip (fol.54), ghalkemm ma sabx mechanical fit bejn il-karti uzati.

Irrizulta li l-appellant, kif innota li l-Pulizija kienu sabu xi haga fid-dustbin, beda jghid li dik mhux tieghu, bla ma suppost kien jaf x' inhi, jekk dik verament ma kienetx tieghu. Din ic-cirkostanza ghandha certu rilevanza f' dan il-kaz u ghaliha tapplika l-espressjoni Taljana : *"Chi si scusa, s' accusa!"*

Mill-assjem tal-provi ghalhekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ma ghandhiex l-icken dubju dwar il-htija tal-appellant li hu kien f' zewg okkazjonijiet offra li jforni w fil-fatt fit-tieni okkazzjoni tas-26 ta' Mejju, 2004 forna id-droga eroina lil Kevin Camilleri, kif ukoll li kellu l-pussess tal-istess droga w li dan sar entro distanza ta' mitt metru minn post fejn jikkongregaw iz-zaghzagh. Di fatti, kif xehed l-espert Perit Richard Aquilina, (fol. 192 u 193), il-post fejn instab l-appellant u fejn instabet id-droga, ossia l-gnien fejn jilghabu t-tfal, kienu il gewwa sew fll-perimetru ta' 100 metru minn ground tal-football u skola (ara pjanti a fols. 197 u 198).

Illi l-fatt li l-pulizija ma kienux certi x' kellu f' idejh l-appellant meta ghamel il-mossa fejn deher qed jitfa xi haga go dustbin, ma jannjentax il-valur ta' din il-prova cirkostanzjali, ghaliex immedjetament wara , fil-post fejn innotawh jarmi ix-xi haga, sabu il-pakkett kontenenti d-droga u dan ikompli jssahhah il-versjoni guramentata ta' Kevin Camilleri.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-process kollu, tara li l-provi li tressqu altru li setghu legalment u ragonevolment iwasslu ghall-konvinciment morali f'mohh il-gudikant li ppresjeda l-Ewwel Qorti li l-appellant kien fil-fatt hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Konsegwentement ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament dettaljat u motivat tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Illi ghalhekk l-ewwel  ghadd ta' aggravji dwar is-sejbien ta' htija qed jigu respinti.

Ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.) F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi, ghaliex l-appellant seta gie kundannat ghall-piena karceraja massima ta' ghaxar snin prigunerija.

Altru milli l-piena kienet eccesiva, anzi kienet pjuttost miti. Umbaghad l-appellant ma ikkoopera bl-ebda mod mal-Pulizija kif jixhed l-Ispettur Dennis Theuma (fol. 22). Lanqas hu *first time offender* u f' kull kaz din il-Qorti hija prekluza milli tapplika il-provvedimenti tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, kif qed jitlob erronjament id-difensur tieghu, jew tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali li jipprovdi ghall-ghoti ta' sentenza sospiza, ghax il-piena karcerarja hija mandatorja. Umbaghad bil-mod kif xehdet il-Probation Officer Mary Grace Vella, a fols. 152 et seq. ma jidhirx li l-appellant jista' facilment jargumenta favur xi mitigazzjoni ulterjuri fil-piena gja pjuttost miti li erogat l-Ewwel Qorti.

Bhala regola generali din il-Qorti ma tordnax li jsiru *"pre-sentencing reports*", kif qed jitlob l-appellant ghax thoss li ezercizzju tali, jekk ghandu jsir, irid isir fil-prim' istanza u mhux quddiem din il-Qorti li hija biss Qorti ta' revizjoni. F' kull kaz, f' dan il-kaz partikolari d-depozizzjoni tal-Probation Officer quddiem l-Ewwel Qorti hija elokwenti bizzejjed.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

It-terminu ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------